

31984D0371

L 196/46

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

26.7.1984

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-3 ta' Lulju 1984****li tistabbilixxi l-karatteristiċi tal-marka speċjali għal-laħam frisk msemmi fl-Artikolu 5(a) tad-Direttiva 64/433/KEE**

(84/371/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 fuq problemi ta' saħħa li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fil-laħam frisk ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bid-Direttiva 83/90/KEE ⁽²⁾, u partikolarment Artikolu 5(a) tiegħu,Billi Artikolu 5(a) tad-Direttiva 64/433/KEE jipprovdi li xi kategoriji ta' laħam jistgħu jintbagħtu mit-territorju ta' Stat Membru lil dak ta' Stat Membru ieħor biss fejn il-laħam huwa maħsub li jgħaddi mi xi wieħed mit-trattamenti provduti fid-Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE ⁽³⁾, u jkollu marka speċjali;

Billi jeħtieġ li tkun adottata marka li tintgħaraf malajr u li tagħti l-garanziji meħtieġa għad-differenzazzjoni tal-laħam;

Billi l-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-marka msemmija f'Artikolu 5(a) tad-Direttiva 64/433/KEE għandha tkun imfissra fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula f'Brussel, fit-3 ta' Lulju 1984.

Għall-Kummissjoni

Poul DALSAGER

Membru tal-Kummissjoni⁽¹⁾ ĠU Ċ 121, tad-29.7.1964, p. 2012/64.⁽²⁾ ĠU L 59, tal-5.3.1983, p. 10.⁽³⁾ ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 85.

ANNEX

Il-marka speċjali għandha tkun marka ovali, kif definita fil-punt 49 tal-kapitlu X ta' Anness I tad-Direttiva 64/433/KEE, koperta b'żewġ linji paralleli, b'distanza minn lanqas ta' 1 ċm, li taqşam it-timbru matul id-dijametru prinċipali u l-informazzjoni fuqha tibqa leġibbli, u ż-żewġ linji paralleli ikunu evidenti daqs it-tarf estern tal-marka.
